



Brussell, it-8 ta' April 2020
REV1 – tissostitwixxi l-avviż datat
is-16 ta' Jannar 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAT-TNISSIL TAL-ANIMALI (“ŻOOTEKNIKA”)

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ir-regoli applikabbli fl-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti B hawn taħt).

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

³ Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit s'issa esklude tali estensjoni.

⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-“prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini”, u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-impportazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

In-nissela li jkollhom l-annimali tagħhom tat-tnissil imdaħħla f'kotba tat-tnissil stabbiliti minn soċjetajiet tat-tnissil jew irreġistrati f'reġistri tat-tnissil stabbiliti minn entitajiet tat-tnissil rikonoxxuti fir-Renju Unit jistgħu jikkunsidraw li jdaħħlu jew jirreġistraw daww l-annimali qabel id-data tal-ħruġ (anki) fil-kotba u r-reġistri tat-tnissil xierqa stabbiliti għall-istess razza jew razza mħallta fi Stat Membru tal-UE.

A. SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tat-tnissil tal-annimali, u b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/1012⁶ mhux ser jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit⁷. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. ID-DĦUL TA' ANIMALI GĦAT-TNISSIL FIL-KOTBA TAT-TNISSIL/REĠISTRI TAT-TNISSIL STABBILITI FL-UE

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, is-soċjetajiet tat-tnissil u l-entitajiet tat-tnissil fir-Renju Unit mhux se jibqgħu jiġu elenkati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/1012. Dan ifisser dan li ġej:

- L-annimali ta' razza pura għat-tnissil u l-majjali ibridi għat-tnissil, jew il-wild prodott minn prodotti ġerminali ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil u ta' majjali ibridi għat-tnissil li jkunu fl-UE fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u li huma mdaħħla f'kotba tat-tnissil jew irreġistrati f'reġistru tat-tnissil biss fir-Renju Unit, jistgħu jiddaħħlu fil-kotba tat-tnissil jew jiġu rreġistrati f'reġistru tat-tnissil fl-UE biss skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2016/1012.
- L-annimali ta' razza pura għat-tnissil u l-majjali ibridi għat-tnissil, jew il-wild prodott minn prodotti ġerminali ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil u ta' majjali ibridi għat-tnissil li jidħlu fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, jistgħu jiddaħħlu fil-kotba tat-tnissil jew jiġu irreġistrati f'reġistru tat-tnissil fl-UE biss skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 36 tar-Regolament (E) 2016/1012.

Dawn il-kundizzjonijiet jinkludu rekwiżit li l-animall għat-tnissil jew id-donaturi tal-prodotti ġerminali jkunu mdaħħla fi ktieb tat-tnissil jew rreġistrati f'reġistru għat-tnissil miżmum minn korp tat-tnissil fir-Renju Unit, li jrid jiġi elenkat skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/1012.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-kundizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-tnissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil, ħnieżer tat-tnissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 652/2014, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE u 90/425/KEE u jħassar ċerti atti fil-qasam tat-tnissil tal-annimali ("ir-Regolament dwar it-Tnissil tal-Annimali") (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66).

⁷ Rigward l-applikabilità tal-partijiet tar-Regolament (UE) 2016/1012 għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti B ta' dan l-avviż.

2. DĦUL TA' ANNIMALI GĦAT-TNISSIL FL-UE

Rigward id-dħul ta' annimali ħajjin, inklużi annimali għat-tniissil, fl-UE, il-partijiet ikkonċernati huma msemmija fl-*“Avviż lill-partijiet ikkonċernati – il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħa pubblika marbuta mal-movimenti ta' annimali ħajjin”*⁸.

Barra minn hekk, huwa mfakkar li, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni

- annimali għat-tniissil, jew il-prodotti ġerminali tagħhom, għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat zootekniku skont l-Artikoli 30 u 33 tar-Regolament (UE) 2016/1012 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2017/717⁹.
- l-ekwidi importati mir-Renju Unit fl-UE għandhom jiġu identifikati skont l-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE) 2015/262¹⁰.

3. TARIFFI GĦAL ANNIMALI TA' RAZZA PURA GĦAT-TNISSIL – ĊERTIFIKAT ŻOOTEKNIKU

Sabiex mal-importazzjoni fl-UE tiġi applikata r-rata tad-dazji għal annimali ta' razza pura għat-tniissil, l-annimal għandu jkun akkumpanjat minn ċertifikat zootekniku u minn dokumentazzjoni skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/1012.

Dan ir-rekwiżit japplika, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, għal importazzjonijiet fl-UE ta' annimali ta' razza pura għat-tniissil mir-Renju Unit.

B. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq¹¹. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni¹².

⁸ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_en

⁹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/717 tal-10 ta' April 2017 li jstipula regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-formoli mudell ta' ċertifikati żootekniċi għall-annimali għat-tniissil u għall-prodotti ġerminali tagħhom, ĠU L 109, 26.4.2017, p. 9.

¹⁰ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 tas-17 ta' Frar 2015 li jstabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (Regolament dwar il-Passaport Ekwin) (ĠU L 59, 3.3.2015, p. 1).

¹¹ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-ħruġ.

¹² L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jagħmel ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru¹³.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprovdi li l-Artikoli 37 u 64(3) tar-Regolament (UE) 2016/1012 japplikaw għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq¹⁴.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Parti A.3 ta' dan l-avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser fost l-oħrajn li:

- Sabiex tapplika r-rata tad-dazji għal annimali ta' razza pura għat-tnissil, l-annimali ta' razza pura għat-tnissil ikkunsinjati mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' Fuq għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat zootekniku u dokumentazzjoni skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/1012.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar iż-“żooteknika” (https://ec.europa.eu/food/animals/zootechinics/legislation_en) jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar it-tnissil tal-annimali u informazzjoni speċifika dwar soċjetajiet tat-tnissil u operazzjonijiet tat-tnissil rikonoxxuti li jwettqu programmi ta' tnissil approvati għal razez differenti, kif ukoll listi ta' korpi tat-tnissil f'pajjiżi terzi.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta' annimali ekwini (https://ec.europa.eu/food/animals/identification/equine_en) jipprovdi informazzjoni ġenerali rigward l-identifikazzjoni ta' ekwidi u informazzjoni speċifika dwar il-korpi li joħroġu dokumenti ta' informazzjoni għall-ekwidi.

Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari

¹³ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁴ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-taqsima 39 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.